Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►M1 REGOLAMENT (UE) Nru 19/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Jannar 2013

li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra ◄

(ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament (UE) 2017/540 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017	L 88	1	31.3.2017

▼B

▼M1

REGOLAMENT (UE) Nru 19/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Jannar 2013

li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra

▼B

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "prodott" tfisser oġġetti li joriġinaw fl-Unjoni jew ►M1 fil-Kolombja, fl-Ekwador jew fil-Perù ◄. Prodott soġġett għal investigazzjoni jista' jkopri linja tariffarja waħda jew diversi linji tariffarji jew sottosegment tagħhom skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq, jew kwalunkwe segmentazzjoni tal-prodott li tkun applikata b'mod komuni fl-industrija tal-Unjoni;

(b) "partijiet interessati" tfisser il-partijiet milquta mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat;

(c) "industrija tal-Unjoni" tfisser il-produtturi tal-Unjoni kollha kemm hi ta' prodotti simili jew ta' prodotti f'kompetizzjoni diretta, li jkunu joperaw fit-territorju tal-Unjoni, produtturi tal-Unjoni li l-produttività kollettiva tagħhom ta' prodotti simili jew ta' prodotti f'kompetizzjoni diretta tikkostitwixxi proporzjon ewlieni tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' dawk il-prodotti, jew, fejn prodott simili jew prodott f'kompetizzjoni diretta jkun biss wieħed minn fost diversi prodotti magħmulin minn produtturi tal-Unjoni, l-operazzjonijiet speċifiċi li huma involuti fil-produzzjoni tal-prodott simili jew f'kompetizzjoni diretta;

(d) "dannu serju" tfisser ħsara ġenerali sinifikanti;

(e) "theddida ta' dannu serju" tfisser dannu serju li jkun imminenti b'mod ċar;

(f) "deterjorament serju" ifisser tfixkil sinifikanti f'settur jew f'industrija tal-Unjoni;

(g) "theddida ta' deterjorament serju" tfisser tfixkil sinifikanti li jkun ċar li hu imminenti;

▼M1

(h) "perijodu ta' tranżizzjoni" tfisser għaxar snin mid-data rispettiva tal-applikazzjoni tal-Ftehim, għal prodotti li għalihom l-Iskedi ta' Tneħħija tat-Tariffi għal oġġetti li joriġinaw fil-Kolombja, fl-Ekwador jew fil-Perù, kif stipulat fis-Sottotaqsimiet 1, 2 u 3 tat-Taqsima B tal-Appendiċi 1 (Tneħħija ta' Dazji Doganali) tal-Anness I tal-Ftehim (l-Iskedi ta' Tneħħija tat-Tariffi), jipprevedu perijodu ta' tneħħija tat-tariffi ta' inqas minn 10 snin, jew il-perijodu ta' tneħħija tat-tariffi u tliet snin miżjuda miegħu għal prodotti li għalihom dawk l-Iskedi ta' Tneħħija tat-Tariffi tipprevedi perijodu ta' tneħħija tat-tariffi ta' 10 snin jew iżjed; il-perijodu ta' tranżizzjoni għandu jkun applikabbli għall-Ekwador mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

▼B

Determinazzjoni tal-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju skont it-tifsira tal-punt (e) tal-ewwel paragrafu għandha tkun ibbażata fuq fatti verifikabbli u mhux sempliċement fuq allegazzjoni, fuq konġettura jew fuq possibbiltà remota. Sabiex tiġi determinata l-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju, għandhom, inter alia, jitqiesu t-tbassir, l-istimi u l-analiżijiet magħmulin fuq il-bażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5).

Artikolu 2

Prinċipji

1. Miura ta' salvagwardja tista' tiġi imposta b'konformità ma' dan ir-Regolament fejn prodott li joriġina ►**M1** mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perù ◄, bħala riżultat tat-tnaqqis jew it-tneħħija tad-dazji taħt il-ftehim, jiġi importat fl-Unjoni bi kwantitajiet tant ikbar min-normal, f'termini assoluti jew relattivi mal-produzzjoni tal-Unjoni, u f'kundizzjonijiet tali li jikkawża jew jhedded li jikkawża dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

2. Miżura ta' salvagwardja tista' tieħu waħda mill-forom li ġejjin:

(a) sospensjoni ta' aktar tnaqqis fir-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat stipulat fl-Iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi;

(b) żieda tar-rata ta' dazju doganali fuq il-prodott sa livell li ma jaqbiżx l-inqas minn dawn:

— ir-rata applikata ta' dazju doganali tan-nazzjon l-aktar iffavorit ("MFN") fuq il-prodott li tkun effettiva fiż-żmien meta tittieħed il-miżura; jew

— ir-rata tal-bażi kif speċifikata fl-Iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-evoluzzjoni tal-istatistika dwar l-importazzjoni tal-banana ►**M1** mill-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù ◄. Għal dak il-għan, għandha tikkoopera u twettaq skambju ta' data b'mod regolari mal-Istati Membri u l-industrija tal-Unjoni.

2. Fuq talba debitament iġġustifikata mill-industriji kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li twessa' l-ambitu tal-monitoraġġ għal setturi oħra.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali ta' monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar statistika aġġornata fuq l-importazzjonijiet ►**M1** mill-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù ◄ tal-banana u dawk is-setturi li għalihom twessa' l-monitoraġġ.

4. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-osservanza ►**M1** mill-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù ◄ tal-istandards soċjali u ambjentali stipulati fit-Titolu IX tal-Ftehim.

▼B

Artikolu 4

Il-ftuħ ta' proċeduri

1. Għandha tinfetaħ proċedura fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed evidenza *prima facie*, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5), li tiġġustifika tali ftuħ.

2. It-talba għall-ftuħ ta' proċedura għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet biex tiġi imposta l-miżura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 2(1) ikunu ġew sodisfatti. It-talba għandha ġeneralment tinkludi t-tagħrif li ġej: ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud minn importazzjonijiet miżjuda, u l-bidliet fil-livell ta' bejgħ, ta' produzzjoni, ta' produttività, ta' użu tal-kapaċità, ta' qligħ u telf, u tal-impjiegi.

3. Tista' tinbeda proċedura ukoll fil-każ li jkun hemm żieda qawwija tal-importazzjonijiet ikkonċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri, jew reġjuni ultraperiferiċi, bil-kundizzjoni li jkun hemm biżżejjed evidenza prima facie li l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ikunu ġew issodisfati, skont l-Artikolu 5(5).

4. Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni f'każ li x-xejriet fl-importazzjonijiet ►**M1** mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perù ◄ jkunu jidhru li jirrikjedu miżuri ta' salvagwardja. Dan it-tagħrif għandu jinkludi l-provi disponibbli skont l-Artikolu 5(5).

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi dak it-tagħrif lill-Istati Membri meta tirċievi talba biex tibda proċedura jew meta tikkunsidra li jkun xieraq li tinbeda proċedura fuq inizjattiva tagħha stess skont il-paragrafu 1.

6. Meta jkun jidher li hemm biżżejjed provi prima facie skont l-Artikolu 5(5) li jiġġustifikaw ftuħ ta' proċedura, il-Kummissjoni għandha tiftaħ proċeduri u għandha tippubblika avviż dwarhom f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-ftuħ għandu jseħħ fi żmien xahar minn meta l-Kummissjoni tirċievi t-talba jew it-tagħrif skont il-paragrafu 1.

7. L-avviż imsemmi fil-paragrafu 6 għandu:

(a) jagħti sommarju tat-tagħrif li jasal, u jeżiġi li t-tagħrif rilevanti kollu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni;

(b) jiddikjara l-perjodu ta' żmien li fih il-partijiet interessati jgħarrfu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jippreżentaw it-tagħrif, jekk iridu li dawn il-fehmiet u t-tagħrif jitqiesu matul il-proċedura;

(c) jiddikjara l-perjodu ta' żmien li fih il-partijiet interessati jistgħu japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 5(9).

▼B

Artikolu 5

Investigazzjonijiet

1. Wara l-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni. Il-perjodu kif stipulat fil-paragrafu 3 għandu jibda dakinhar li tkun ġiet ippubblikata d-deċiżjoni dwar il-ftuħ tal-investigazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istati Membri jipprovdu tagħrif u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jissodisfaw din it-talba. Jekk dan it-tagħrif ikun ta' interess ġenerali u ma jkunx kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12, għandu jiżdied mal-fajls mhux kunfidenzjali kif previst fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

3. L-investigazzjoni għandha tiġi konkluża, fejn ikun possibbli, fi żmien sitt xhur mill-ftuħ tagħha. Dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' tliet xhur f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħall-involviment ta' numru aktar għoli mis-soltu ta' partijiet interessati jew ta' sitwazzjonijiet kumplessi tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-partijiet interessati kollha dwar kull estensjoni ta' dan it-tip u tispjega r-raġunijiet li wasslu għaliha.

4. Il-Kummissjoni għandha titlob it-tagħrif kollu li jidhrilha li hu meħtieġ biex tkun tista' tiddetermina dwar il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1), u, għandha, fejn ikun xieraq, tfittex li tivverifika dak it-tagħrif.

5. Fl-investigazzjoni l-Kummissjoni għandha tagħmel stima tal-fatturi kollha rilevanti ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li għandhom influwenza fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud mill-importazzjonijiet żejda, it-tibdil fil-livell tal-bejgħ, il-produzzjoni, il-produttività, l-użu tal-kapaċità, il-qligħ u t-telf, u l-impjieg. Din il-lista mhix eżawrjenti u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra rilevanti meta tkun qed tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħalma huma l-istokkijiet, il-prezzijiet, ir-redditu fuq il-kapital użat, il-likwidità, u fatturi oħra li jkunu qed jikkawżaw jew li diġà jkunu kkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

6. Il-partijiet interessati li jkunu ppreżentaw tagħrif skont l-Artikolu 4(7)(b) u r-rappreżentanti ►**M1** tal-Kolombja, tal-Ekwador jew tal-Perù ◄ jistgħu, fuq talba bil-miktub, jispezzjonaw it-tagħrif kollu li jkun tqiegħed għad-disponibbiltà tal-Kummissjoni b'konnessjoni mal-investigazzjoni għajr id-dokumenti interni mħejjija mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni li dan it-tagħrif ikun rilevanti għall-preżentazzjoni tal-każ tagħhom u mhux kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12 u li jintuża mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni. Il-partijiet interessati li jkunu ppreżentaw tagħrif jistgħu jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom dwar it-tagħrif lill-Kummissjoni. Meta jkun hemm biżżejjed evidenza prima facie li ssostni dawk il-fehmiet, il-Kummissjoni għandha tqishom.

7. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data u l-istatistika kollha li jintużaw għall-investigazzjoni jkunu disponibbli, jinftiehmu, u jkunu trasparenti u verifikabbli.

▼B

8. Il-Kummissjoni, hekk kif jitwaqqaf il-qafas tekniku meħtieġ, għandha tiżgura l-aċċess bl-internet protett b'password għall-fajl mhux kunfidenzjali, li hija għandha tiġġestixxi u li permezz tiegħu għandu jitqassam it-tagħrif kollu rilevanti u mhux kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12. Il-partijiet interessati, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew għandhom jingħataw aċċess għal dik il-pjattaforma onlajn.

9. Il-Kummissjoni għandha tisma' lill-partijiet interessati, b'mod partikolari meta jkunu għamlu applikazzjoni bil-miktub fil-perjodu ta' żmien stipulat fl-avviż ippubblikat f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fejn juru li fil-verità x'aktarx ikunu sejrin jintlaqtu mir-riżultat tal-investigazzjoni u li jeżistu raġunijiet speċjali biex jinstemgħu oralment.

Il-Kummissjoni għandha tisma' lill-partijiet interessati f'okkażjonijiet oħra jekk ikun hemm raġunijiet speċjali għal dan.

10. Meta t-tagħrif ma jitressaqx fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni, jew meta l-investigazzjoni tiġi mxekkla b'mod sinifikanti, Il-Kummissjoni tista' tislet riżultati abbażi tal-fatti disponibbli. Fejn il-Kummissjoni ssib li xi parti interessata jew xi parti terza tkun ipprovdiet tagħrif falz jew qarrieqi, ma għandhiex tagħti kas ta' dan it-tagħrif u tista' tagħmel użu mill-fatti disponibbli.

11. Il-Kummissjoni għandha tavża ►**M1** lill-Kolombja, lill-Ekwador jew lill-Perù ◄ bil-miktub dwar bidu ta' investigazzjoni u dwar l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja provviżorji jew definittivi.

Artikolu 6

Miżuri ta' sorveljanza preventivi

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' sorveljanza preventiva fir-rigward ta' importazzjonijiet ►**M1** mill-Kolombja, l-Ekwador jew il-Perù ◄ meta:

(a) it-tendenza fuq l-importazzjonijiet ta' prodott tkun tali li tkun tista' twassal għal waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2 u 4; jew

(b) ikun hemm żieda fl-importazzjonijiet tal-banana kkonċentrata fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew f'wieħed jew aktar minn fost ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjon għandha tadotta miżuri ta' sorveljanza preventiva f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 14(2).

3. Il-miżuri ta' sorveljanza preventiva għandu jkollhom perjodu limitat ta' validità. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, dawn ma jibqgħux validi fi tmiem it-tieni perjodu ta' sitt xhur ta' wara l-ewwel sitt xhur wara l-introduzzjoni tagħhom.

Artikolu 7

Impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja provviżorji

1. Għandhom jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja provviżorji f'ċirkostanzi kritiċi fejn dewmien jista' jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, skont determinazzjoni preliminari abbażi tal-fatturi msemmija

▼B

fl-Artikolu 5(5) li hemm biżżejjed evidenza prima facie li l-importazzjonijiet ta' prodott li joriġina ►M1 mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perù ◄ jkunu żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis jew tal-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont l-Iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi, u li dawn l-importazzjonijiet jikkawżaw dannu serju, jew theddida ta' dan, lill-industrija tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' salvagwardja provviżorji b'mod konformi mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 14(2). F'każi ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza, inkluż fil-każ imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' salvagwardja provviżorji applikabbli minnufih b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(4).

2. Fejn Stat Membru jitlob intervent immedjat mill-Kummissjoni u fejn il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 jiġu sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Il-miżuri ta' salvagwardja provviżorji ma għandhomx japplikaw għal aktar minn 200 jum tal-kalendarju.

4. Jekk il-miżuri ta' salvagwardja provviżorji jitħassru minħabba li l-investigazzjoni turi li ma ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(1), kull dazju doganali miġbur bħala riżultat ta' dawn il-miżuri ta' salvagwardja provviżorji għandu jintradd lura awtomatikament.

5. Il-miżuri ta' salvagwardja provviżorji għandhom japplikaw għal kull prodott li jitqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni libera wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk il-miżuri. Madakollu, dawn il-miżuri ma għandhomx jipprevjenu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti li diġà jinsabu fi triqthom lejn l-Unjoni fejn id-destinazzjoni ta' dawn il-prodotti ma tkunx tista' tinbidel.

Artikolu 8

Tmiem tal-investigazzjonijiet u proċeduri mingħajr miżuri

1. Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(1) ma jkunux sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni biex jintemmu l-investigazzjoni u l-proċedura b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(3).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, waqt li tqis kif dovut il-protezzjoni tat-tagħrif kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12, rapport fejn tippreżenta s-sejbiet tagħha u l-konklużjonijiet motivati li tkun waslet għalihom dwar kull konsiderazzjoni rilevanti ta' fatti u ta' liġi.

Artikolu 9

Impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi

1. Fejn il-fatti kif jiġu stabbiliti fl-aħħar nett juru li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(1) ikunu sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-awtoritajiet ►M1 tal-Kolombja, tal-Ekwador jew tal-Perù ◄ għall-konsulti skont l-Artikolu 49 tal-Ftehim. Fejn ma tinsabx soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 45 jum, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li timponi miżuri ta' salvagwardja definittivi skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, waqt li tqis kif dovut il-protezzjoni tat-tagħrif kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12, rapport li jkun fih sommarju tal-fatti materjali u l-konsiderazzjonijiet rilevanti għad-determinazzjoni.

Artikolu 10

Tul ta' żmien u reviżjoni tal-miżuri ta' salvagwardja

1. Miżura ta' salvagwardja għandha tibqa' fis-seħħ biss għall-perjodu taż-żmien meħtieġ biex ma jitħalliex li jsir jew biex jitranġa dannu serju għall-industrija tal-Unjoni u biex ikun iffaċilitat l-aġġustament. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż is-sentejn, għajr jekk jiġġedded skont il-paragrafu 3.

2. Miżura ta' salvagwardja għandha tibqa' fis-seħħ, sakemm joħroġ ir-riżultat tar-reviżjoni skont il-paragrafu 3, tul kull perjodu ta' estensjoni.

3. Il-perjodu inizjali tat-tul ta' żmien ta' miżura ta' salvagwardja jista' jiġġedded b'mod eċċezzjonali sa mhux iktar minn sentejn, kemm-il darba l-miżura ta' salvagwardja tibqa' meħtieġa biex ma jitħalliex isir jew biex jitranġa dannu serju għall-industrija tal-Unjoni u biex ikun iffaċilitat l-aġġustament; u li hemm biżżejjed evidenza li l-industrija tal-Unjoni tkun qed taġġusta.

4. Qabel kull estensjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikkolu, għandha tinfetaħ investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed provi prima facie, li huma sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5).

5. Il-bidu ta' investigazzjoni għandu jkun ippubblikat skont l-Artikolu 4(6) u (7). L-investigazzjoni u kull deċiżjoni dwar estensjoni skont il-paragrafu 3 għandha ssir skont l-Artikoli 5, 8 u 9.

6. Iż-żmien sħiħ ta' miżura ta' salvagwardja, inkluża xi miżura ta' salvagwardja provviżorja, ma għandux jaqbeż l-erba' snin.

7. Ebda miżura ta' salvagwardja ma għandha tiġi applikata wara l-għeluq tal-perjodu tranżizzjonali.

8. L-ebda miżura ta' salvagwardja ma għandha tiġi applikata għall-importazzjoni ta' prodott li qabel kien soġġett għal miżura ta' din ix-xorta, ħlief darba għal perjodu ta' żmien ekwivalenti għal nofs dak li matulu kienet ġiet applikata din il-miżura, sakemm il-perjodu ta' nuqqas ta' applikazzjoni jkun, tal-inqas, sena.

Artikolu 11

Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni

Fejn xi prodott li jkun joriġina ►M1 mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perù ◄ jkun qed jiġi impurtat fi kwantitajiet tant miżjuda u f'kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw deterjorazzjoni serja

▼B

fil-qagħda ekonomika ta' xi wieħed jew ta' għadd tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea msemmijin fl-Artikolu 349 TFUE, tista' tiġi imposta miżura ta' salvagwardja skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 12

Kunfidenzjalità

1. It-tagħrif li jasal skont dan ir-Regolament għandu jintuża biss għall-għan li għalih ikun intalab.

2. L-ebda tagħrif ta' natura kunfidenzjali jew xi tagħrif li jintbagħat fuq bażi kunfidenzjali skont dan ir-Regolament ma għandu jiġi żvelat mingħajr il-kunsens espress ta' min jipprovdi dan it-tagħrif.

3. Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tagħti r-raġunijiet għaliex it-tagħrif huwa kunfidenzjali. Madankollu, jekk min jipprovdi t-tagħrif jitlob li t-tagħrif ma jsirx pubbliku jew ma jiġix żvelat, fil-forma shiħa tiegħu jew fil-qosor, u jekk dik it-talba ma tkunx iġġustifikata, it-tagħrif jista' jitwarrab.

4. It-tagħrif għandu f'kull każ jitqies bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tiegħu x'aktarx ikollu effett negattiv sinifikanti fuq min jipprovdih jew fuq is-sors ta' dan it-tagħrif.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx jipprekludu r-referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal tagħrif ġenerali u b'mod partikolari għar-raġunijiet li fuqhom jissejsu d-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament. Dawk l-awtoritajiet għandhom, madankollu, iqisu l-interess leġittimu tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi kkonċernati li ma jiġux żvelati s-sigrieti kummerċjali tagħhom.

Artikolu 13

Rapport

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-obbligi tal-Ftehim u ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, miżuri ta' sorveljanza preventivi, miżuri ta' sorveljanza u ta' salvagwardja reġjonali u t-tmiem ta' investigazzjonijiet u proċeduri mingħajr miżuri.

3. Ir-rapport għandu jinkludi tagħrif dwar l-attivitajiet tal-korpi varji responsabbli mill-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż dwar l-issodisfar tal-obbligi skont it-Titolu IX tal-Ftehim u dwar l-attivitajiet mal-gruppi konsultattivi tas-soċjetà ċivili.

4. Ir-rapport għandu jagħti ġabra fil-qosor tal-istatistika u l-evoluzzjoni tal-kummerċ ►**M1** mal-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù ◄ u għandu jinkludi statistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet tal-banana ►**M1** mill-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù ◄.

▼B

5. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu, sabiex tippreżenta u tispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

6. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tippubblikah.

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata assistenza mill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ("il-Kumitat") ([1]). Il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu.

5. Il-Kumitat jista' jeżamina l-kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, imqajma mill-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru. L-Istati Membri jistgħu jitolbu tagħrif u jistgħu jwettqu skambji ta' fehmiet fil-Kumitat jew direttament mal-Kummissjoni.

KAPITOLU II

IL-MEKKANIŻMU TA' STABBILIZZAZZJONI GĦALL-BANANA

Artikolu 15

Il-Mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana

▼M1

1. Għall-banana li toriġina mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perù li taqa' taħt l-intestatura 0803 90 10 tan-Nomenklatura Magħquda (Banana friska, minbarra pjantaġġini) u elenkata taħt il-kategorija "BA" ta' tneħħija progressiva fl-Iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi fil-każ tal-Kolombja u l-Perù u l-kategorija "SP1" ta' tneħħija progressiva fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi fil-każ tal-Ekwador taħt l-intestatura 0803 00 19, għandu japplika mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2019.

2. Volum ta' importazzjoni annwali ta' skattament huwa stabbilit għall-importazzjonijiet tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, kif indikat fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' kolonni tat-tabella fl-Anness. Malli l-volum ta' skattament għall-Kolombja, għall-Ekwador jew għall-Perù jintlaħaq matul is-sena kalendarja korrispondenti, il-Kummissjoni għandha, skont

([1]) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.

▼M1

il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 14(4), tadotta att ta' implimentazzjoni li permezz tiegħu hi għandha jew tissospendi temporanjament id-dazju doganali preferenzjali li jiġi applikat għall-prodotti oriġinarji korrispondenti matul l-istess sena għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet xhur u li ma jaqbiżx tmiem is-sena kalendarja jew inkella tiddetermina li tali sospensjoni mhijiex xierqa.

2a. Meta l-volumi tal-importazzjonijiet jilħqu 80 % tal-volum ta' importazzjoni ta' skattament, kif indikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għal waħda jew aktar mill-partijiet tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha formalment tiġbed l-attenzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-miktub. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni rilevanti dwar ix-xejriet fil-qasam tal-banana u tal-istatistika dwar l-importazzjoni dwar l-importazzjonijiet mill-pajjiżi soġġetti għall-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni u l-limiti massimi rilevanti tagħhom, sabiex jiġu antiċipati x-xejriet tal-importazzjoni matul il-bqija tas-sena kalendarja.

▼B

3. Meta tiddeċiedi liema miżuri għandhom japplikaw skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq il-qagħda tas-suq tal-Unjoni għall-banana. Dak l-eżami għandu jinkludi fatturi bħal: l-effett tal-importazzjonijiet fuq il-livell ta' prezzijiet fl-Unjoni, l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra, l-istabilità ġenerali tas-suq tal-Unjoni.

4. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li tissospendi d-dazju doganali preferenzjali applikabbli, hija għandha tapplika l-inqas rata tar-rata ta' bażi tad-dazju doganali jew ir-rata ta' dazju doganali tal-pajjiż l-aktar preferut (MFN) li tkun qed tintuża dak iż-żmien li tittieħed l-azzjoni.

5. Fejn il-Kummissjoni tapplika l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4, hija għandha immedjatament tidħol f'konsultazzjonijiet mal-pajjiż jew pajjiżi affettwati biex tanalizza u tivvaluta s-sitwazzjoni abbażi tad-data fattwali disponibbli.

6. L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana stipulat f'dan il-Kapitolu ssir mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura definita fil-Kapitolu I. Miżuri meħuda skont id-dispożizzjonijiet taż-żewġ kapitoli m'għandhomx, madankollu, jiġu applikati b'mod simultanju.

7. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandhom ikunu applikabbli biss waqt il-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2019.

KAPITOLU III

REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 16

Regoli ta' implimentazzjoni

Id-dispożizzjoni applikabbli għall-finijiet tal-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni neċessarji għall-applikazzjoni tar-regoli li jinsabu fl-Appendiċi 2A u 5 tal-Anness II (Dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta 'Prodotti Oriġinarji' u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva) u l-Appendiċi 1 (Tneħħija tad-Dazji Doganali) tal-Anness I tal-Ftehim għandu jkun l-Artikolu 247a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

▼B

KAPITOLU IV

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim kif previst fl-Artikolu 330 tiegħu. Għandu jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jispeċifika d-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

ANNESS

Tabella li tirrigwarda l-volumi ta' importazzjonijiet ta' skattament għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana stipulata fit-Taqsima B tal-Appendiċi 1 tal-Anness I tal-Ftehim: għall-Kolombja, is-Sottotaqsima 1; għall-Perù, is-Sottotaqsima 2; u għall-Ekwador, is-Sottotaqsima 3

Sena	Volum ta' importazzjoni ta' skattament għall-Kolombja, f'tunnellati metriċi	Volum ta' importazzjoni ta' skattament għall-Perù, f'tunnellati metriċi	Volum ta' importazzjoni ta' skattament għall-Ekwador, f'tunnellati metriċi
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2017	1 822 500	93 750	1 801 788
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2018	1 890 000	97 500	1 880 127
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2019	1 957 500	101 250	1 957 500
Mill-1 ta' Jannar 2020	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

▼B

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim fl-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra ([1]).

Kif previst fir-Regolament (UE) Nru 19/2013, il-Kummissjoni ser tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim u ser tkun lesta tiddiskuti mal-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew kwalunkwe kwistjonijiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Il-Kummissjoni ser tagħti importanza partikolari lill-implimentazzjoni effettiva tal-impenji dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-Ftehim, filwaqt li jittieħed kont tal-informazzjoni speċifika mogħtija mill-korpi ta' monitoraġġ tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-ftehimiet ambjentali multilaterali elenkati fit-Titolu IX tal-Ftehim. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tfittex ukoll il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi rilevanti tas-soċjetà ċivili.

Wara l-iskadenza tal-mekkanizmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana fil-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni għall-banana u l-istat tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ser tirrapporta r-riżultati tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u ser tinkludi valutazzjoni preliminari tat-tħaddim tal-"Programme d'Options Spécifiques à l'Éloignement et l'Insularité" (POSEI) għall-preservazzjoni tal-produzzjoni tal-banana fl-Unjoni.

([1]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u r-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra [1]. Għaldaqstant jaqblu dwar li ġej:

— Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ser tirrapportalu kwalunkwe tħassib speċifiku relatat mal-implimentazzjoni mill-Kolombja jew mill-Perú tal-impenji tagħhom dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

— Jekk il-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex tinbeda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni teżamina bir-reqqa jekk humiex sodisfatti l-kondizzjonijiet taħt ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 għal inizjazzjoni ex-officio. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi ser tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-inizjazzjoni ta' tali investigazzjoni.

[1] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.